Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2005

Numru 504/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

Malcolm Friggieri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Malcolm Friggieri ta' karta ta' identita' numru 252473(M) akkuzat talli bejn Mejju tat-2002 u Ottubru 2002 f'dawn il-Gzejjer irceva minghand xi hadd iehor jew kiseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-verbal tal-5 ta' Settembru 2005;

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa akkuzat b'uzura ai termini ta' l-Artikolu 298C tal-Kap 9.

Mid-dokument esebit folio 18 tirrizulta t-transazzjoni ta' self li saret bejn l-imputat u certa Bernardette mill-liema jemergi wisq car l-fatt ta' l-uzura, jigifieri self ta' flus b'imghax ghola minn dak permess mill-ligi. Mill-imsemmija kitba hu desunt li s-self sar fl-ahhar ta' Mejju tas-sena 2002. L-istess kitba tikkontempla zewg ipotesijiet ta' imghax marbuta mar-restituzzjoni tas-somma li fiz-zewg istanzi jikkostitwixxu uzura. Rigward din il-kitba xehed certu Charles Fenech li attesta ghal veracita' tal-istess. A folio 19 jirrisulta wkoll cekk pagabbli lill-imputat li gie riferut lura b'daqstant li anke mix-xhieda tar-rappresentant tal-bank li fuqu c-cekk hu ntestat jirrisulta li l-imputat baqa' qatt ma gie mrodd lura l-flus jew ukoll l-imghax. Hu immaterjali li c-cekk hargitu socjeta' limitata billi l-ligi ma tipprekludix pagament maghmul minn terz.

Ghall-finijiet ta' piena jinghad li l-Artikolu relattiv, taht liema l-imputat qieghed jigi akkuzat, huwa redatt f'termini wiesgha li tinkludi wkoll is-semplici promessa minn persuna ohra, tkun dik li tissellef jew le, ta' pagament ta' imghax ghola minn dak permess mill-ligi. Fil-kaz in ezami, pero', l-imptuat ghandu jibbenefika minn tnaqqis fil-piena fi grad stante li ma rceva ebda pagament.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 298C(1)(6) u 31(f) tal-Kap 9 tikkundannah xahar prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 u ghall-multa ta' Lm25.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu fuq risultanti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------